MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Appell Civili Numru. 324/2002/1

**Francis u Carmela konjugi Attard**

**vs**

**Anthony u Carmen konjugi DeBrincat**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Gunju, 2003 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta ' mitt lira kera (Lm100) fis-sena rivedibbli kull hmistax il-sena mill-1 ta' Awissu 2001 skond ir-rata ta' inflazzjoni li tkun veljanti dak iz-zmien, pero liema kera m'ghandha qatt teccedi aktar mid-doppju f'kull revizzjoni, tal-flat (2), 51 Lorenza Flats,

Capuchins Street, San Gwann u dan a tenur tal-Att XXIII tal-1979 stante li l-fond imsemmi kien moghti b'koncessjoni enfitewtika temporanja ghal sbatax il-sena minn missier l-attrici skond kuntratt tat-2 ta' Mejju 1963 fl-atti tan-Nutar Joseph Gatt anness mal-avviz u mmarkat dokument "A" u liema fond kien okkupat mill-konvenuti qabel il-21 ta' Gunju 1979 bhala r-residenza ordinarja taghhom. Bil-valur lokatizju tal-fond ma jeccedix il-Lm100.

Bl-ispjjez komprizi dawk tal-ittra legali tas-17 ta' April 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Anthony u Carmen konjugi DeBrincat fejn eccipew illi:

1 Preliminarjament l-eccipjenti qatt ma kienu censwalisti tal-fond in kwistjoni;

2 Kif ser jirrizulta mill-provi, ghal kaz odjern ma japplikawx il-provvedimenti tal-Kap 158 dwar awment ta' kera u ghalhekk it-talba ta' l-atturi ghandha tigi michuda. F'dan ir-rigward ghandhom jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet Joseph Micallef vs Anthony Debrincat (Avviz numru 107/83) li giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Settembru 1989;

3 Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma minn issa ngunti in subizzjoni

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-kontendenti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi ghalkemm l-attur u l-konvenut offrew id-deposizzjoni taghhom f'dawn il-proceduri, u ghalkemm l-attur Francis Attard halla barra mid-deposizzjoni tieghu certi fatti

saljenti illi ghandhom certu relevanza ghad-determinazzjoni ta’ din il-kwistjoni, l-fatti kollha li jirrigwardaw din il-kwistjoni digia’ gew stabbiliti f’proceduri precedenti bejn l-istess kontendenti u li jirrigwardaw l-istess fond li ghadhu sal-lum fil-pussess tal-konvenuti.

Fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Micallef vs Anthony Debrincat “ avviz Nru 107/83 deciza mill-din il-Qorti fis-26 ta’ Settembru 1989 u kkonfermata fl’Appell permezz ta’ sentenza tas-27 ta’ Settembru 1991, jirrizulta illi l-fond in kwistjoni kien gie moghti b’enfitewsi temporanea ghal (17) sbatax il sena b’effett mit-2 ta’ Mejju tal-1963 minn Joseph Micallef lil certu Alfred Pisani.

Jirrizulta ukoll illi fl-20 ta’ Lulju tas-sena 1964 Alfred Pisani, l-enfitewta, kien ta’ il-fond b’lokazzjoni lill-konvenut Anthony Debrincat, versu l-kera ta’ (Lm50) hamsin lira Maltin fis-sena.

Fl-1979, ghalhekk qabel ma skadiet l-enfitewsi, s-sid tal-fond Joseph Micallef, kien irrikonnoxxa lill-konvenut Anthony Debrincat bhala l-inkwilin, beda jaccetta l-kera ta’ hamsin lira Maltin (Lm50) fis-sena direttament minghand il-pussessur, l-inkwilin Anthony Debrincat, u rrilaxxja id-debiti ricevuti u ghalhekk dahal f’relazzjoni diretta mieghu.

Din il-kera baqghet tithallas u tigi accettata anke mill-attrici Carmela Attard, bint Joseph Micallef, li kienet akkwistat il-fond minghand missierha.

Wara l-iskadenza tal-enfitewsi korrenti favur Alfred Pisdani, l-attrici, Carmela Attard, baqghet regolarment taccetta l-istess kera ta’ (Lm50) hamsin lira Maltin minn ghand il-konvenuti, li ghalhekk baqghu jigu rikonnoxxuti direttament bhala inkwilini tal-fond taht l-istess kundizzjonijiet miftehma ma Pisani u accettati minn Joseph Micallef, is-sidien precedenti.

Izda fl-1983, Joseph Micallef, bi pretenzjoni li huwa kien ghadhu s-sid tal-fond in kwistjoni, talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex jizgumbraw mill-fond in

kwistjoni billi allega illi kienu qed jokkupaw il-fond minghajr ebda titolu.

Fl-1991, bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, gie ddikjarat u deciz illi l-konvenuti kellhom titolu ta' lokazzjoni fuq il-fond in kwisjtoni.

Ghalhekk fis-sena 2001, b'rikors ipprezentat quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet "Carmela u Francis konjugi Attard vs Anthony Debrincat" is-sidien talbu li l-Bord jghaddi ghal fissazzjoni tal-kera xieraq tal-fond in kwistjoni oltre l-kondizzjonijiet l-ohra li kienu jidhrulhu xierqa li jistabilixxi.

Billi f'dan ir-rikors is-sidien kienu ghamlu riferenza wkoll ghall-Att XXIII tal-1979 u anke talbu illi l-kera m'ghandix tkun inqas minn mitt lira Maltin (Lm100) fis-sena, cioe id-doppju ta'l-kera korrenti u din kellha tkun revidibbli kull hmistax il-sena skond ir-rata ta' l-inflazzjoni, il-Bord kien iddecieda illi ma kienx kompetenti li jiehu konjizzjoni tat-talba tar-rikorrenti u ghalhekk kien illibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju.

Ghalhekk is-sidien tal-fond in kwistjoni, l-atturi pprezentaw dan l-avviz odjern sabiex il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu lill-atturi s-somma ta' (Lm100) mitt lira Maltin fis-sena li huma ppretendew li ghandha tkun il-kera tal-fond in kwistjoni b'applikazzjoni tal-Att XXIII tal-1979.

Izda hija appunt din il-premessa, illi l-lokazzjoni in kwistjoni taqa' taht il-provvedimenti tal-imsemmi Att tal-1979, li ghandha qabel xejn tigi ezaminata biex jigi deciz jekk hiex korretta jew le.

Fil-kaz odjern jirrizulta stabbilit illi sa mill-1977, waqt li kienet ghada korrenti l-enfitewsi koncessa mis-sid lil Alfred Pisani, is-sid kien rrikonnoxxa bhala inkwilini tieghu b'lokazzjoni diretta lill-konvenut Anthony Debrincat. Sahansitra din il-lokazzjoni baqghat tigi rinovata u imgedda kif ukoll giet rikonnoxxuta anke wara l-iskadenza ta' dik l-enfitewsi.

Ghalhekk mar-rikonnoxximent dirett tal-konvenut bhala inkwilin mis-sidien, anke waqt li kienet ghada korrenti l-enfitewsi, giet aljenata ghal kollox dik l-enfitewsi mir-relazzjonijiet issa esistenti bejn is-sid u l-inkwilin tieghu l-konvenut Anthony Debrincat.

Dan l-istat ta' fatt gie iktar u iktar issodatt bl-accettazzjoni tal-kera mis-sidien fl-istess ammont, anke wara l-iskadenza tal-enfitewsi li fiha l-konvenuti ma kellhom ebda interess.

Dan kien appuntu dak li gie deciz minn din il-Qorti fis-sentenza taghha  tas-26 ta' Settembru 1988 fil-kawza fl-ismijiet "Joseph Micallef  vs Anthony Debrincat" avviz Nru 107/83 u kif konfermata fl-Appell bis-sentenza tas-27 ta' Settembru tal-1991.

Infatti  din il-Qorti kienet irriteniet illi "*ghalhekk mill-1979 il-quddiem kienet inholqot relazzjoni gdida ta' lokazzjoni bejn is-sid, l-attur, u l-konvenut. ( fil-kaz ta' figura ta' lokazzjoni ma hemmx bzonn il-formalitajiet bhalma hu rikjest fil-kuntratt ta' cens)*" u fl-Appell gie deciz illi "*Fatt importantissimu fil-fehma tal-Qorti hu illi l-attur baqa jircievi l-kera anke wara li ghalaq ic-cens, cioe' wara li kull relazzjoni ta enfitewsi kienet skadiet mal-iskadenza tat-reminu enfitewtiku. Din il-Qorti ma tara ebda rilevanza fil-vicendi ta waqt ic-cens imma tara relevanza fil-pagament tal-kera wara li ghalaq ic-cens billi dan certament kien fatt li stabilixxa relazzjoni guridika gdida bejn il-partijiet; tali relazzjoni setghet kienet  biss  dik ta' lokazzjoni sic et simpliciter  bla ebda riferenza ghac-cens*".

Ghaldaqstant fir-relazzjonijiet bejn il-kontendenti mhux applikabbli l-Att XXIII tal-1979, izda applikabbli l-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta stante id-decizjoni definitiva illi tezisti bejn il-kontendenti lokazzjoni *sic et simpliciter* irrispettivament minn ebda kuntratt ta' enfitewsi illi s-sidien setghu kkonkludew ma terzi.

Ghaldaqstant il-premessa li l-lokazzjoni in kwistjoni hija regolata bill-provvedimenti tal-Att XXIII tal-1979 ma hiex korretta u konsegwentement il-kera attwali tal-fond in

kwistjoni mikri lill-konvenuti hija fis-somma ta LM50 fis-sena u din il-kera dejjem giet offruta mill-konvenuti lill-atturi.

Ghal dawn il-motivi il-Qort qedgha tichad it-talba attrici,

Bl-ispejjez kontra l-atturi.”

L-atturi appellaw minn din is-sentenza bl-aggravju principali illi l-ewwel Qorti zbaljat fejn irriteniet illi bir-rikonoxximent dirett tal-konvenut fil-veste ta’ kerrej, u dan waqt id-dekors tal-enfitewsi, din l-istess enfitewsi giet, ghal daqshekk, aljenta minn xi relazzjoni gdid ta’ lokatur – konduttur tal-fond. Huma jikkritikaw ukoll il-fatt illi l-ewwel Qorti assodat din il-fehma taghha fuq ir-ragonament illi s-sidien issoktaw jircievu l-kera anke wara t-terminazzjoni tal-koncessjoni enfitewtika.

Minn naha taghhom il-konvenuti jopponu t-talba ta’ l-appellanti ghar-revoka tas-sentenza appellata in bazi ghal konsiderazzjoni illi ma nholqot l-ebda kirja gdida wara l-iskadenza tal-perijodu tac-cens u allura d-disposizzjonijiet tal-Kap. 158 ma kienux jiccentraw ghal kaz.

Huwa lampantement car mill-ezami tas-sentenza appellata illi l-Qorti ta’ l-ewwel grad immotivat il-konkluzjoni taghha ghac-cahda tat-taba attrici ghall-awment tal-kera minnha pretiz bl-operat tal-Kap. 158 fuq il-konsiderazzjoni tal-evalwazzjoni minnha maghmula tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Avviz Nru 107/83) tas-26 ta’ Settembru 1989 fil-kawza fl-ismijiet “Joseph Micallef – vs- Anthony Debrincat” (kopja esebita a fol 32), konfermata, imbaghad, in sede appell fis-27 ta’ Settembru 1991 (fol 36). Jokkorri ghalhekk, anke bhala materja ta’ prassi forensika, illi din il-Qorti tirriezamina dawn is-sentenzi biex minnhom tirrikava dik l-interpretazzjoni idonea li fil-fehma taghha tkun tidher li hi l-aktar konsentita.

Ghal dak li jirrizulta minn dawn is-sentenzi jigi qabel xejn osservat illi l-materja quddiem dawk il-Qrati ta’ l-ewwel u tat-tieni istanza kienet titratta minn talba ta’ zgumbrament

in bazi ghall-kawzali illi l-okkupazzjoni tal-fond mill-konvenut odjern kienet wahda minghajr ebda titolu. Fatt dan li f'dik il-kawza l-konvenut ikkontesta bil-pretensjoni li hu kellu dan it-titolu u li dan kien wiehed ta' lokazzjoni.

Kien bil-bosta logiku f'kaz ta' din ix-xorta fejn l-attur ppretenda li l-konvenut ghandu jigi zgombrat ghax qieghed jokkupa l-fond bla titolu u l-konvenut eccepixxa li ghandu titolu ta' lokazzjoni, illi l-Qorti kellha tezamina jekk dan tal-ahhar kellux it-titolu li hu vvanta li ghandu. Fi kliem iehor, malli l-konvenut eccepixxa l-pussess tat-titolu ta' lokazzjoni, l-kawza, necessarjament imbaghad, kellha tirrivolvi dwar il-punt jekk kienx hemm lokazzjoni jew le.

Dan qed jigi rilevat ghall-iskop uniku illi l-hsieb motrici f'dawk is-sentenzi jinzamm dejjem in mira u fil-perspettiva naturali tar-raguni tat-talba u tal-eccezzjoni f'dik il-kawza l-ohra.

Mill-kontenut tas-sentenzi precitati l-fatti rilevanti li wasslu lill-Qrati rispettivi biex jiddeciedu kif fil-fatt iddecidew kienu bazikament dawn:-

1. Il-fond in ezami kien gie koncess b'titolu ta' cens lil Alfred Pisani fit-2 ta' Mejju 1963 (ara kopja tal-kuntratt a fol 8 tal-odjerna kawza). Dan minn naha tieghu affittah lill-konvenut fl-20 ta' Lulju 1964.

2. B'effett mill-1979 l-konvenut beda jhallas direttament lis-sid. In parentesi f'dan il-kuntest irid jigi notat illi l-ammont tal-kera mhallas kien ekwivalenti ghall-istess rata tal-kanoni tac-cens. Importanti wkoll li jigi osservat illi kif spjegat mill-istess konvenut fil-kawza prezenti dan il-hlas beda jsir direttament lis-sid ghax ic-censwalist ma kienx qed jonora l-hlas tac-cens u allura, bi qbil mas-sid, l-kera li hu kellu jaghti lic-censwalist bdiet, minflok, tithallas lis-sid. Ara deposizzjoni tal-konvenut a fol 25.

F'dawk il-proceduri l-ohra l-ewwel Qorti kienet argomentat illi bil-fatt tar-ricezzjoni mis-sid tal-hlas tal-kera minghand il-konvenut inholqot lokazzjoni gdida b'effett mill-1979. Zied jigi aggunt ukoll minnha illi din l-istess kirja ssoktat

tiggedded wara gheluq il-perijodu tac-cens fl-1988 billi s-sid kompla jircievi l-hlas tal-kera.

Invece l-Qorti ta' l-Appell, filwaqt li affermat illi ma kienet tara l-ebda rilevanza tal-vicendi waqt il-kors tac-cens, ghaddiet biex issostni illi l-konvenut kellu t-titolu ta' kera minnu vantat in kwantu s-sid irceva l-pagament tal-kera offert lilu wara li ghalaq il-perijodu tac-cens.  Ghal dik il-Qorti kien dan ir-ricezzjoni tal-kera li stabilixxa relazzjoni gdida bejn il-partijiet.

Ghall-mument din il-Qorti tissofferma fuq dawn l-aspetti tal-kwestjoni rizultanti miz-zewg sentenzi u mill-provi biex taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:-

1. Skond il-ligi taghna huwa pacifiku illi l-enfitewsi ggib dualizmu ta' dominji, jigifieri d-dominju dirett u d-dominju utili. Fil-kors taz-zmien ta' l-enfitewsi l-pussess jibqa' certament ghand l-utilista li, strettament, allura, ghandu l-jedd jopponi ruhu ghal kwalunkwe ingerenza da parte tal-padrun dirett f'dak il-pussess;

2. Wiehed allura ma jistax jirraguna illi dak konkordat bejn sid il-fond u l-konvenut fl-1979, minghajr l-intervent tal-utilista, seta' qatt ifisser illi giet aljenata ghal kollox l-enfitewsi jew rezi fix-xejn id-drittijiet tac-censwalist emergenti mill-kuntratt u mil-ligi;

3. Wiehed imbaghad difficilment jifhem kif seta' kien hemm il-holqien ta' kirja gdida fl-1979 meta dik pre-ezistenti bejn l-enfitewta u l-konvenut kienet kirja li tiswa u li kienet ghadha f'dak il-mument tezisti bil-pjeni effetti taghha.  L-aktar li forsi seta' jinghad kien li bl-accettazzjoni tal-kera, hekk ekwivalenti ghall-istess rata tac-cens, is-sid kien qieghed jirrikonoxxi l-istat ta' fatt tal-kirja favur il-konvenut koncessa lilu mic-censwalist.

4. Jekk imbaghad tigi accettata l-ispjega tal-istess konvenut, il-kera beda jithallas direttament lis-sid mhux ghal skop ta' rikonoxximent imma in kwantu c-censwalist ma kienx qed ihallsu l-import minnu dovut tac-cens.  Din hi wkoll spjegazzjoni plawsibbli bhal ma hekk kien sa

certu punt il-kaz fil-kawza fl-ismijiet “**Angelo Agius et –vs- Charlie Cutajar**”, Appell, Sede Inferjuri, 8 ta’ Marzu 1982, u fejn il-konvenut kerrej beda jhallas hu wkoll direttament lis-sid flok li joqghod jibghat l-kera barra minn Malta lic-censwalist, li fil-frattemp kien emigra, biex dan a sua volta joqghod jirrimettiha lura Malta.

5. Jibqa’ l-fatt li forsi jista’ jitqies l-aktar importanti illi l-Qorti ta’ l-Appell f’dawk il-proceduri qieset bhala aspett fundamentali ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni li kellha quddiemha l-konsiderazzjoni li wara li ghalaq ic-cens sid il-fond kompla jircievi l-kera. Dan, indipendentement, minn kull rilevanza ta’ dak li ssuccieda bejn is-sid u l-konvenut fil-kors meta l-enfitewsi kienet ghadha veljanti. Hu proprju dan li fil-fehma tal-Qorti kellu jkun il-punt tat-tluq ghad-determinazzjoni tal-istanza prezenti;

6. Punt ta’ tluq li bis-sahha ta’ dik is-sentenza tas-27 ta’ Settembru 1991 l-Qorti ta’ l-Appell kienet korrettement arguwit illi t-titolu ta’ lokazzjoni gja in korso fid-durata tac-cens gie rikonoxxut mis-sid wara l-gheluq tac-cens bil-fatt tar-ricezzjoni tal-kera.

Stabbilita din l-interpretazzjoni tal-motivazzjonijiet ta’ dawk is-sentenzi ovvjament din il-Qorti ma taqbelx mar-ragonament li ghamlet l-ewwel Qorti u fejn eskludiet il-portata tal-Kap 158 ghal kaz in disamina. Fl-opinjoni konsiderata ta’ din il-Qorti r-ragonament li kellu jsegwi mill-fatt illi f’dawk is-sentenzi gie stabbilit li l-konvenut kellu kirja u l-kera gie accettat mis-sid kellu jkun dan.

Huwa pacifiku illi skond il-ligi komuni generali ma’ gheluq ic-cens il-fond kellu jirriverti lura lis-sid. Dan hu jekk pero` “bla hsara, jekk ikun gie moghti b’kiri, ta’ dak li jinghad fl-artikoli 1530 u 1531” (Artikolu 1522 tal-Kodici Civili). Issa gara li f’dan il-kaz is-sid kien volontarjament accetta l-kera wara gheluq ic-cens. Li jfisser, allura, illi s-sid kien issa prekluz milli jikkontesta l-kirja fuq il-bazi li din ma kienetx, skond l-Artikolu 1530, moghtija fuq “kondizzjonijiet gusti”. Dan ghaliex, u ghar-raguni semplici, illi l-accettazzjoni tal-kera gab mieghu sitwazzjoni fejn is-sid ma setax aktar jippretendi li ma joqghodx ghal dik il-kirja li saret minn min

kellu titolu rizolubbli, bhal ma hekk appuntu kien jitqies ic-censwalist.

Inoltre, ukoll, f’din is-sitwazzjoni l-konvenut kien ikollu kull jedd jarroga ghalih id-dritt li jissokta jirrisjedi fil-fond, gjaladarba, kif ma jidherx li qatt gie kontestat, hu kien cittadin ta’ Malta u l-fond kien servjenti bhala r-residenza ordinarja tieghu.

Premessi dawn ir-riflessjonijiet kif jemergu mill-interpretazzjoni tas-sentenzi fil-kawza l-ohra huwa wisq naturali illi ghall-kaz, stabbilit li l-fond kien gie koncess b’cens u li kienet tezisti kirja inattakkata favur il-konvenut li saret lilu fid-durata tal-istess cens, kellu jircievi applikazzjoni dak dettat fis-subinciz (3) ta’ l-Artikolu 12 tal-Kap 158. Jigifieri d-dritt, iva, fil-konvenut li jikkontinwa fil-kirja imma bl-obbligu li jhallas “b’kera li jkun daqs ic-cens li kien jithallas minnufih qabel ma tkun ghalqet l-enfitewsi”, mizjud skond ir-rata ta’ l-inflazzjoni (subparagrafu (i) tas-subinciz (2) tal-istess Art. 12). Gjaladarba hi l-istess ligi li tipprospetta kif ghandu jkun l-awment sewwa gie deciz mill-Bord li Jirregola l-Kera fis-sentenza tieghu tal-10 ta’ April 2002 (ara kopja a fol 2) bejn l-istess partijiet illi l-materja ghall-iffissar tal-kera fit-termini tal-Kap. 158 kienet tesorbita mill-kompetenza tieghu.

Tajjeb li jigi notat f’dan il-kuntest illi l-Qorti tal-Magistrati f’dik il-kawza l-ohra, per Avviz 107/83, ma kienetx ghal kollox ghalqet il-bieb fuq l-applikazzjoni li seta’ kellu l-Kap. 158 ghal meritu bejn il-partijiet, tant li ssenjalat illi f’kaz li l-partijiet ma kienux jaqblu mal-kondizzjonijiet kellhom skond l-Att XXIII ta’ l-1979 jirrikorru lil Bord izda mhux li ssir talba ghal zgumbrament.

Precizat dan kollu huwa fatt illi fejn sid il-fond ikun accetta skond il-libera fakolta tieghu li jaccetta l-istess rata li kienet tithallas qabel ma ghalaq ic-cens ma jgibx ghal daqshekk illi hu rrinunzja in perpetwu ghad-dritt li l-ligi specjali tal-Kap 158 kienet tirrizervalu li jitlob l-awment u fiz-zmien li talbu. A propozitu fuq dan il-punt ara dak kummentat fid-decizjoni fl-ismijiet “**Antonia Vella -vs- Pauline Jones**”, Appell, Sede Inferjuri, 16 ta’ April 1993.

Fic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssibx li ghandha taqbel la mar-ragonament u wisq anqas mal-konkluzjoni ta’ l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.  Anzi, jidhrilha, li t-talba tal-atturi kif dedotta ghandha fil-kaz partikolari tircievi akkoljiment.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi tilqa’ l-appell ta’ l-atturi u b’hekk thassar is-sentenza appellata.  Tikkundanna ghalhekk lill-konvenuti jhallsu lill-atturi appellanti s-somma ta’ kera mitlub ta’ mitt lira (Lm100) fis-sena b’effett mid-data precizata fl-Avviz.

In vista tac-cirkustanzi partikolari ta’ dan il-kaz l-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------